MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (KOMPETENZA KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2003

Rikors Numru. 590/1997/1

**Ignatius sive Nazju Busuttil**

**vs**

**Avukat Generali**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Ignatius sive Nazju Busuttil fejn gie premess :-

1. Illi fil-12 ta` Settembru, 1995, huwa kien imharrek biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fuq akkuza kontravenzjonali.  Il-Qorti sabitu mhux hati ta` l-akkuza migjuba kontra tieghu, izda sabitu hati ta` disprezz lejn l-awtorita` taghha ghaliex ma kienx liebes xieraq, u dan peress li ma kellux ingravata.  L-Ispettur li kien qed imexxi l-kaz kien l-Ispettur Martin Bayliss;

2. Wara li sabitu hati motu proprio l-0istess Qorti ghaddiet biex ikkundannatu ghal ammenda ta` Lm10, u l-esponenti tkellem biex juri li ma kellux ghaliex ihallas tali multa peress li ma kienx liebes b`mod indicenti. Il-Qorti fuq tali sottomissjoni, bidlet l-istess ammenda fi tlett ijiem detenzjoni, esegwibbli immedjatament. Fil-fatt l-esponenti ttiehed il-habs dakinhar stess fil-12.30pm, fejn tqieghed ma min kien ikkundannat wara sentenza ta` qorti kriminali f`Division Two, f`cella 92;

3. Illi l-esponenti, kemm waqt it-trattazzjoni tal-kontravenzjoni u kemm fil-proceduri ghal dak li hu msejjah disprezz, ma kienx assistit minn avukat. Fuq il-kontravenzjoni kienet l-ghazla tieghu, u fuq id-disprezz minghajr ebda possibilita` li jkellem avukat;

4. L-esponenti kien ghamel tnejn u ghoxrin sena l-Awstralja u certament ma kellux esperjenza ta` bzonn ta` ingravat fil-qorti;
5. Illi fil-fatt ma jesistux regolamenti li jimponu l-ilbies tal-ingravata fil-qrati ghall-pubbliku. Fuq kollox il-provvedimenti tal-ligi dwar id-disprezz ma jkoprux tali cirkostanzi;

6. Illi l-kundanna ghal detenzjoni, kif gara fil-kaz attwali, u anke fl-ipotesijiet prospettati mil-ligi jivvjolaw l-jedd fondamentali ghal-liberta` tal-bniedem, kif ukoll id-dritt li ma jkunx ikkundannat ghal reat kriminali li ma jkunx reat fiz-zmien tal-kommissjoni tieghu;

Inoltre l-procedura sommarja, fejn l-akkuza td-disprezz issir mill-istess Gudikant u jaqtaghha l-istess gudikant, kif gara f`dan il-kaz, jivvjola d-dritt tal-fair trial ta` l-esponenti, peress li ma jistax ikun akkuza, bix-xhieda unika ta`, u kkundannat mill-istess persuna. Certament fejn hemm it-tnaqqis tal-liberta` u l-kundanna ta` persuna ghall-habs, ma tistax issir minn persuna li jkun hu stess l-akkuzatur, ix-xhud uniku, u l-gudikant;

7. Illi fuq l-iskorta tad-deicjzoni tal-Qorti Ewropeja “Demicoli vs Malta”, l-possibilta` u f`dan il-kaz l-effettiva

kundanna ghad-detenzjoni jaghmlu l-procedura ta` natura penali, u li l-kundanna hija wkoll kriminali. Tant hu hekk li d-detenzjoni tal-esponenti tinsab registrata fuq il-fedina penali tieghu;

8. Dan johrog l-aktar car mill-Artiklu 999 tal-Kap. 12;

9. L-esponenti lanqas thallas jkellem lill-familja hlief meta bed jiskonta l-piena;

10. Illi dawn il-fatti jikkostitwixxu ksur tal-Art 5, 6, u 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-Bniedem. Dawn il-vjolazzjonijiet kollha saru fil-mument tal-kundanna. F`dak il-mument ma kellu certamen l-edba rimedju iehor. Inoltre l-istess provvedimenti tl-ligi dwar id-disprezz li jipprevedu d-detenzjoni jew kull tnaqqis tal-liberta` jmorru kontra l-istess principji elenkati hawn fuq, u dan anke peress li ma hemm l-ebda definizzjoni ta` x`hiex jikkostitwixxi l-fatt li mieghu ghandu jgib il-piena;

Ghalhekk ir-rikorrenti talab li din il-Qorti joghgobha: 1) tiddikjara, ghar-ragunijiet u ghall-fatti premessi, li fil-konfront tal-esponenti kien hemm vjolazzjoni ta` l-Artiklu 5, 6, u 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u 2) taghtih dak il-kumpens xieraq ghal tali vjolazzjonijiet;

Rat ir-risposta ta` l-intimat fejn gie sottomess :

Illi ma sar ebda ksur ta` l-artikolu 5, 6, u 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bnidem kif qieghed jallega r-rikorrent u dan ghas-segwenti ragunijiet;

Ebda Ksur ta` l-Artikolu 5;

L-ewwelnett l-Artikolu 5 stess fil-paragrafu (b) ta` l-ewwel subinciz jipprovdi b`mod l-aktar car:

l-arrest jew id-dentenzjoni skond il-ligi ta` persuna ghal nuqqas ta` tharis ta` ordni skond il-ligi ta` qorti;

Kif tipprovdi wkoll il-Kostituzzjoni fil-paragrafu (c) ta` l-ewwel paragrfu ta` l-Artikolu 34:-

fl-esekuzzjoni ta` l-ordni ta` qorti li tikkundannah ghal disprezz lejn dik il-qorti jew lejn qorti jew tribunal iehor;

Dwar l-interpretazzjoni ta` dan il-paragrafu, l-awturi jghidu hekk:

Fawcett J.E.S. “The Application of the European Convention on Human Rights” Oxford Clrendon Press, pagna 82:

“The terms of somewhat vague and general description, used in this paragraph, are designed to cover both action by a Court to secure the administration of justice, and the fulfilment of certain civil obligations”;

Murdoch J.L. fl-artikolu tieghu “Article 5 of the European Convention on Human Rights” mahrug mil-Human Rights Information Centre, Directorate of Human Rights (1992) Kunsill ta` l-Ewropa f`pagna 12, paragrafu 22:-

“The first part of this category gives support to the determination of disputes through legal machinery. Detention may be authorised in order to effet the execution of the order of a court where this has been hindered or obstructed. Interpretation requires consideration of the general concepts of ‘lawfulness’ and ‘court’ as discussed above. What is permitted, for example, is detention in order to permit a blood test to be administeered, or an affidavit to be taken, or a psychiatric opinion to be obtained, or detention with a view to sevure compliance with an order to deliver up property or to pay a fine, all in the face of refusal by the individual to comply voluntarily”;

F`pagna 35 ta` l-istess artikolu, dwar il-parti li tidher f`ittri grassi, l-istess awtur jikteb:

“Application Number 6289/73, Airey versus Ireland, Dec. 7.7.77, D.R. 8 p. 42 (1977). Presumanbly, imprisonment

following upon a sentence to pay a fine where the court at that time imposes a period of imprisonment in default would fall within 5(1)(a)";

Harris D J, O`Boyle M u Warbrick C fil-ktieb taghhom "Law of the European Convention on Human Rights" Butterworths (1995) page 112 jiktbu:

"The first limb of Article 5(1) (b) authorises the detention of a person who has failed to comply with a court order already made against him, as in cases of civil contempt. It includes failure to pay a court fine";

Ghaldaqstant l-allegat ksur ta` l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni ma jissussitix;

Ebda Ksur ta` l-Artikolu 7

Illi r-rikorrent jallega wkoll ksur ta` l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni li jipprovdi hekk:

"(1) Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta` reat kriminali minhabba f`xi att jew omissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skond ligi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin meta jkun sar";

Huwa jidher li qed jibbaza dan l-argument fuq in-nuqqas ta` ligi dwar l-ilbies ta` l-ingravata fil-Qorti. Bhala stat ta` fatt, id-digriet tal-Qorti – li jibqa` l-unika xhieda dwar x`gara fil-fatt u m`ghandhom ikunu amessi ebda xhieda ohra – imkien ma jitkellem dwar ingravati. Fid-digriet (Dok A) jidher il-kliem:

"Il-Qorti,

Wara li gibdet l-attenzjoni lil Nazju Busuttil li ma kienx liebes dicenti …"

Ghalhekk dan il-lament jidher ghal kollox bla bazi fil-fatti u wisq anqas fid-dritt meta tqis dak li jghid l-Artikolu 988 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili:

"Imiss ukoll lill-imhallfin u magistrat rispettivament illi jipprovdu ghall-manteniment tal-bon-ordni u tad-dekor gewwa l-edifizzju tal-qrati li fihom joqoghdu";

Dan l-artikolu ilu ma jkun emendat mill-1975 u ghalhekk sew qabel ma graw il-fatti in ezami l-Magistrat kien diga` kellu s-setgha li jara li min jidher quddiemu b`imgiebtu u b`ilbiesu juri r-rispett li jixirqilha l-Qorti;

L-artikolu 989 jipprovdi ghal imgieba mhux xierqa in faciem curiae:

"Hadd ma jista` f`seduta tal-Qorti, jaghmel esklamazzjonijiet ta` approvazzjoni jew dizapprovazzjoni, jew b`xi mod iehro ifixkel l-attenzjoni tal-Qorti";

Waqt li l-Artikolu 991 jipprovdi:

"L-imhallef jew magistrat imsemmi fl-artikolu 988 jista` jikkundanna minnufih ghall-piena ta` l-ammenda, tal-multa, jew tad-detenzjoni skond il-Kodici Kriminali kull min bi kliem jew b`ghemil mhux xieraq waqt is-seduta, jaghmel xi att ta` disprezz tal-qorti, jew jinsulta lil xi persuna ohra";

Skond id-digriet tal-Qorti, l-imputat iddikjara :

"li ma kienx se jhallas l-ammenda ghax kien liebes xieraq;
Wara li hadet in konsiderazzjoni l-atteggjament ta` l-imputat, il-Qorti tikkonverti l-ghaxar liri ammenda fi tlitt ijiem detenzjoni";

Il-Qorti fil-fatt ghazlet li tikkundanna lill-Kontraventur (ara l-kliem uzat fl-artikolu 990) billi ghazlet il-paragrafu (d) ta` l-istess artikolu;

Il-Qorti kienet kostretta tbiddel l-ammenda f`detenzjoni minhabba li r-rikorrent ma riedx ihallas l-ammenda. Il-Qorti agixxiet ai termini ta` l-artikolu 1002 ta` l-istess Kodici ta` Orgaznizzazzjoni u Procedura Civili li jghid:

"1002. Meta l-ammenda jew il-multa ma tithallasx, l-ikkundannat jiskonta l-piena f`detenzjoni jew fi prigunerija, bhal kif jinghad fil-Kodici Kriminali";

Minn dak li qed jinghad hawn fuq, jidher bic-car li lanqas hemm ksur ta` l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni;

Inapplikabbilita` ta` l-Artikolu 6 ghall-Proceduri ta` Disprezz -

Ir-rikorrent jallega wkoll ksur ta` l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja li tipprovdi ghal smiegh xieraq. Huw jirreferi wkoll ghall-kaz Demicoli versus Malta – anzi jibbaza l-argumenti tieghu fuqu (Ara paragrafu 7 tar-rikors);

It-tezi tar-rikorrenti izda xejn ma taqbel ma zewg decizjonijiet moghtija fi Strasbourg li ser ikunu annessi ma din ir-risposta;

F`sentenza moghtija mill-Qorti ta` Strasbourg fit-22 ta` Jannar, 1996, fl-ismijiet Putz versus Austria (Dok B) il-Qorti Ewropeja, waqt li ghamlet referenza ghall-kaz ta` Demicoli versus Matla wkoll (ara para. 31) qalet hekk:

"38. In sum, Article 6 did not apply to the matters compalined of and there has therefore been no breach of it";

U dwar xhiex kien il-kaz? Kien propju dwar "contempt of court" u jekk ir-rikorrent irrefera ghall-artikolu 999 biex juri kemm il-proceduri li ghadda minnhom kienu kriminali, fil-paragrafu 37 tas-sentenza il-Qorti Ewropea irreferiet ghall-artikolu 235 tal-Kodici ta` Procedura Kriminali ta` l-Awstrija u fost l-affarijiet l-ohra qalet:

"37. The Court notes that Article 235 of the Code of Criminal Procedure concerning responsibility for keeping order at hearings provides for the imposition of a fine not exceeding ATS 10,000 or, where essential for maintaining order, a custodial sentence not exceeding eight days. If

the fine proves to be irrecoverable, the custodial sentence will be for a ter of at most eight days";

Mela l-fatt li jissemma l-habs mhux bizzejjed biex kastig jaghmel il-proceduri kriminali. Anzi fil-paragrafu 33 il-Qorti Ewropea qalet:

"in this respect, the situation is similar to the one in the Ravensborg case. Rules enabling a court to sanction disorderly conduct in proceeding before it are a common feature of the legal systems of most of the contracting states. Such rules and sanctions derive from the inherent power of a court to ensure the proper and orderly conduct of its own proceedings. Measures ordered by courts under such rules are more akin to the exercise of disciplinary powers than to the imposition of a punishment for commission of a criminal offence.

The Court consequently considers, like the Government and the Commission, that the kind of prescribed conduct for which the applicant was fined in principle falls outside the ambit of Article 6. The courts may need to respond to such conduct even if it is neither necessary nor practicable to bring a criminal charge against the person concerned";

It-tliet testijiet li ghamlet il-Qorti Ewropea (ara pagni 12 u 13 tas-sentenza) jistghu jigu applikati fil-kaz odjern u din l-onorabbli Qorti ghandha tigi ghall-istess konkluzjoni, jigifieri li l-aRitkolu 6 mhux applikabbli fejn si tratta ta` proceduri ghal disprezz tal-Qorti;

Din ma kenitx l-unika decizjoni dwar dan il-punt ghaliex il-Qorti Ewropea keient diga` ippronunzjat ruhha fuq l-istess haga fit-23 ta` Marzu, 1994 fil-kaz Ravnsborg versus Sweden fejn il-Qroti qalet ukoll (unanimament):

"that Article 6 of the European Convention on Human Rights did not apply to proceedings relating to the imposition of fines on the appellant for offences against the good order of court proceedings and that the Article, therefore, had not been violated." (Dok C);

Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda stante :

L-Artikolu 6 lanqas biss hu applikabbli;

L-Artikoli 5 u 7 bl-ebda mod ma nksiru vis a vis ir-rikorrent;

L-ispejjez ghandhom jithallsu mir-rikorrent;

Rat ir-replika tar-rikorrenti ghar-risposta tal-intimat;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Rat id-decizjoni ta' din il-Qorti tas-16 ta' Mejju 1997;

Rat in-nota tar-rikorrenti;

Rat in-nota responsiva tal-intimat;

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Mejju 2002;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li fit-12 ta` Settembru, 1995 ir-rikorrenti kien gie imharrek biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex jirrispondi ghall-akkuzi li kienu jirrigwardaw xi kontravenzjonijiet. L-imsemmija Qorti tal-Magistrati sabet lir-rikorrenti mhux hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, izda sabitu hati ta` disprezz lejn l-awtorita` taghha ghaliex ma kienx liebes b'mod xieraq u dan peress li ma kellux ingravata. Minhabba f'hekk l-imsemmija Qorti kkundannat lir-rikorrenti jhallas ammenda ta’ Lm10. Fil-hin li r-rikorrenti gie hekk kundannat huwa rrimrk li skond hu kien liebes b’mod xieraq u ghalhekk ma kienx ser ihallas l-imsemmija ammenda imposta fuqu. Wara li hadet in konsiderazzjoni dan l-atteggjament ta` l-imputat, l-imsemmija Qorti kkonvertit l-ammenda fi tlett ijiem detenzjoni;

Jirrizulta li minn dak in-nhar stess ir-rikorrenti nzamm fil-habs sa kemm skonta l-imsemmija piena;

Dwar dawn il-fatti r-rikorrenti, fir-rikors promotur, jghamel diversi lmenti u cioe:-

(a) Huwa jghid li ma kienx assistit minn avukat u lanqas ma nghata l possibilita' li jkun hekk assistit;

(b) Ir-rikorrenti jsostni li huwa ghex barra minn Malta ghal hafna snin u ghalhekk ma kienx jaf li hu necessarju li l-Qorti jmur liebes bl-ingravata;

(c) Ma hemm ebda regolament li jimponi l-ilbies tal-ingravata u l-provvedimenti tal-ligi dwar id-disprezz ma jkoprux tali cirkostanza;

(d) Din il-kundanna ghal detenzjoni tivvjolaw l-jedd fondamentali ghal-liberta` tal-bniedem, kif ukoll id-dritt li ma jkunx hemm kundanna ghal reat kriminali li ma jkunx reat fiz-zmien tal-kommissjoni tieghu;

(e) L-akkuza tad-disprezz saret mill-gudikant, l-istess gudikant kien l-uniku xhud u d-decizjoni hadha l-istess gudikant. Dan jivvjola d-dritt ghall-“fair trial”;

(f) F’dan il-kaz kien hemm il-kundanna effettiva ghad-detenzjoni u ghalhekk il-proceduri li wasslu ghal din il-kundanna huma essenzjalment ta` natura penali;

(g) Huwa ma thallix jikkomunika mal-membri tal-familja tieghu hlief wara li beda jiskonta l-piena;

(h) Dan kollu jammonta ghal ksur tal-artikoli 5, 6, u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem. Inoltre l-provedimenti tal-ligi dwar id-disprezz imorru kontra l-imsemmija provedimenti anke in vista tal-fatt li ma hemm

l-ebda definizzjoni ta` x'jista jikkostitwixxi l-fatt li mieghu jgib il-piena tad-detenzjoni;

Ir-rikorrenti qed jitlob li jigi dikjarat li fil-konfront tieghu kien hemm vjolazzjoni ta` l-Artiklu 5, 6, u 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u talab li jinghata kumpens xieraq ghal dawn il-vjolazzjonijiet;

F'dan l-istadju ghandha ssir referenza ghall-artikoli tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jittrattaw dwar ir-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti, liema provedimenti huma dawk li gew applikati mill-imsemmija Qorti tal-Magistrati;

L-artikolu 988 tal-imsemmi Kodici jipprovdi li jmiss lill-imhallfin u lill-magistrati li jaraw li tinzamm il-bon-ordni waqt is-seduti u imiss lilhom ukoll li jipprovdu ghall-manteniment tal-bon-ordni u tad-dekor waqt l-istess seduti. Ma hemmx dubju li gudikant ghandu jassigura li dawk kollha li jidhru quddiemu bl-imgieba taghhom u b'ilbieshom juru r-rispett li jixraq lill-istituzzjoni essenzjali bhal ma hi l-Qorti;

L-artikolu 991 jipprovdi li imhallef u magistrat jistghu jikkundannaw minnufih ghall-piena ta` l-ammenda, tal-multa, jew tad-detenzjoni skond il-Kodici Kriminali kull min bi kliem jew b`ghemil mhux xieraq waqt is-seduta, jaghmel xi att ta` disprezz tal-qorti. Ghalhekk il-magistrat, li jispetta lilu li jzomm il-bon-ordni fl-awla, jista jikkundanna minnufih ghad-disprezz tal-Qorti dak l-agir li ma jkunx rispettuz lejn il-qorti cioe dik l-imgieba mhux xierqa li tkun qed issehh f'wicc il-Qorti "in faciem curiae";

Fil-kaz in esami l-Magistrat, li kif intqal ghandu l-obbligu bil-ligi li jzomm il-bon-ordni u d-dekor fl-awla, deherlu li r-rikorrenti ma kienx liebes b'mod xieraq biex jidher quddiem il-Qorti u ghalhekk ir-rikorrenti gie kundannat ghad-disprezz lejn l-awtorita' tal-qorti u ghalhekk ukoll gie

kundannat ihallas ammenda. Fil-hin tal-kundanna r-rikorrenti deherlu li kellu jghaddi xi kummenti u irrimarka li ma kienx ser ihallas l-ammenda peress li, skond huwa, kien liebes b’mod xieraq. Fuq dan il-kliem u peress li r-rikorrenti wera l-intenzjoni tieghu li ma jhallax l-ammenda il-qorti kkonvertiet l-ammenda imposta fi granet ta’ detenzjoni;

Ma jirrizulta xejn li sar b'mod irregolari. Anzi jirrizulta li l-Qorti tal-Magistrati agixxiet b'mod korrett u zgur entro l-limiti tal-ligi. Pero’ mhux din il-kwestjoni li ghandha quddiema l-Qorti. L-indagini li trid issir hi jekk f'dan kollu gewx lesi d-dritttijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta) b'mod partikolari fl-artikoli 5, 6 u 7 tal-istess Kapitolu. In effett ir-rikorrenti qed isostni li fil-konfront tieghu minhabba l-imsemmija fatti gew lesi fil-konfront tieghu l-provedimenti tal-imsemmija artikoli;

L-imsemmi artikolu 5 jistipula li hadd ma ghandu jigi privat mill-liberta' tieghu. L-istess artikolu pero' jipprovdi ghal xi eccezzjonijiet fosthom id-dentenzjoni, skond il-ligi, ta' persuna wara li tinsab hatja minn qorti kompetenti u d-detenzjoni ta` persuna ghal nuqqas ta` tharis ta` ordni, skond il-ligi, ta` qorti. Ghalhekk il-proceduri in kwestjoni huma eskluzi mill-applikabilita' ta' dawn il-provedimenti. Fil-kaz in esami ir-rikorrenti nstab hati skond il-ligi min qorti kompetenti. Inoltre kien hemm ordni legittima tal-Qorti intiza sabiex tigi assikurata il-buon ordni u d-dekor fl-awla u kien hemm nuqqas da parti tar-rikorrenti li jharres dik l-ordni. In effett ir-rikorrenti naqas li jidher b'ilbies xieraq u inoltre wera b'mod car li huwa ma kienx ser joqod ghall-ordni tal-Qorti u ma kienx ser ihallas l-ammenda li kienet giet imposta fuqu;

L-Artikolu 6 jipprovdi li fid-decizjoni tad-drittijiet u obbligi civili jew ta' akkuzi kriminali kullhadd ghandu id-dritt ghal smigh imparzjali u pubbliku minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi;

Hawnhekk si tratta ta' proceduri ghal disprezz tal-awtorita' tal-Qorti. Il-ligi stess (artikolu 991 gia citat) tipprovdi li l-Qorti tista minnufih tikkundanna l-persuna koncernata ghall-piena ta` l-ammenda, tal-multa, jew tad-detenzjoni, f'dawk il-kazijiet li jigru "in faciem curiae" fejn bi kliem jew b`ghemil mhux xieraq jigi kommess xi att ta` disprezz tal-qorti;

Gie diversi drabi deciz li l-imsemmija provedimenti tal-artikolu 6 ma japplikawx ghal kazijiet ta’ disprezz lejn l-awtorita tal-qorti u ghalhekk f'dawn l-istess kazijiet ma jistax jkun hemm lezjoni tad-drittijiet sanciti b’dan l-artikolu. F'dan ir-rigward issir referenza ghad-decizjonijiet tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-kazijiet Putz versus Austria deciz fit-22 ta` Frar 1996 u Ravnsborg versus Sweden tal-23 ta` Marzu 1994;

F'dawn id-decizjonijiet intqal ukoll li hemm dubju jekk proceduri ghad-disprezz tal-qorti ghandhomx jitqiesu bhala essenzjalment penali fin-natura taghhom. In effett il-provedimenti li jittiehdu minn qorti li jemergu mid-dover inerenti tal-istess Qorti li zzomm il-buon ordni u li tassikura andament gust tal-proceduri li jkunu qed isiru quddiemha, huma iktar fin-natura taghhom esercizju ta’ poteri dixxiplinari milli imposizzjoni ta’ sanzjoni ghar-reat kriminali;

In vista tal-premess jirrizulta li l-proceduri in kwestjoni li gew subiti mir-rikorrenti ma jaqawx fl-ambitu tal-provedimenti tal-artikolu 6 in kwestjoni;

L-artikolu 7 tal-Konvenzjoni, li gie ukoll invokat mir-rikorrenti, jipprovdi, fost affarijiet ohra, li hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta` reat kriminali minhabba f`xi att jew omissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skond il-

ligi fil-hin meta jkun sar l-istess att. Gia saret referenza ghall-fatt li proceduri ghad-disprezz tal-qorti m'ghandhomx jitqiesu li huma fin-natura taghhom penali. Ghalhekk jidher ukoll li dawn il-provedimenti mhux applikabbli ghal dan il-kaz;

Ma hemmx dubju li meta ir-rikorrenti deher quddiem il-Qorti u l-istess qorti deherilha li ma kienx liebes b’mod xieraq dan jammonta ghal disprezz tal-awtorita tal-qorti. Ghalhekk l-applikazzjoni tal-provedimenti tal-ligi rilevanti da parti tal-Qorti tal-Magistrati kienet gusta u korretta. Inoltre hi t-tradizzjoni, hawn Malta, li wiehed jidher quddiem il-qorti liebes glekk u ingravata;

Ghalhekk hawn lanqas ma hi kwestjoni li minn qed jiggudika qieghed ukoll jillegisla. Apparti minn hekk din ma kinitx biss kwestjoni ta’ x’kien liebes ir-rikorrenti izda kienet ukoll kwestjoni ta' rimarki li ghadda r-rikorrenti esatt wara li giet imposta fuqu l-ammenda;

In vista ta' dan kollu t-talbiet tar-rikorrenti ma jistghu qatt jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti;

In vista tan-natura specjali tal-kaz l-ispejjez kollha jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

--------------------------------TMIEM--------------------------------